**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Ottubru 2020;</u>**

**<u>Rikors nru: 256/2020 AGV;</u>**

**AB**

**vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB** datat 12 ta' Awwissu 2020, fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi huma zzewwgu fis- 16 ta' April 2011, ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A;
2. Illi minn daz-zwieg twieldet tifla minui bl-isem ta' DB li tghix mal-omm;
3. Illi l-partijiet isseparaw minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dr. Peter Fleri Soler datat 14 ta' Mejju 2015, Dok B;

4. Illi dan l-istess kuntratt ta' separazzjoni gie sussegwentament emendat u ghal kull buon fini u ghal-kompletezza u safa' tal-atti precesswali l-esponenti qed tannetti ukoll mal-prezenti rikors kopja ta' dal-emendi sussegewenti li sehhew bejn il-partijiet, kif jinghad hawn fuq , immarkati, rispettivament bhala Dok. C u Dok. D;
5. Illi ghaddew aktar minn erba' snin mid-data li fiha il-partijiet ilhom de facto jghixu separatament minn xulxin, u ma jezisti l-ebda prospett regenvoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
6. Illi ma jezistu ebda kwistjonijiet ohrajn pendenti bejn il-partijiet, kemm jekk monetarji, finanzjarji jew xorta ohra;
7. Illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall definittiv taz-zwieg u ghal divorzju bejn il-partijiet;
8. Illi l-esponenti iddikjara li hija domiciljata Malta ghal-effetti u ghall-finijiet tal-artikoltu 66 N(1)( a) tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta.

Ghalaqstant, l-esponenti titolb umilment lil dina Onorabbli Qorti u sabiex joghgobha tiddikjara z-zwieg taghha mal-intimat CB mahlul b' mod definittiv u li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti u l-finijiet kollha tal-ligi u sabiex din l-istess Qorti, konsegwentament tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk , jazva lid-direttur tar-registru Pubbliku skont il-ligi, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

**Il-Qorti rat** illi fis-seduta tal-Hamis 29 ta' Ottubru 2020, deher il-konvenut li ddikjara li ma hemmx oggezzjoni ghat-talbiet u ghalhekk ghaddiet ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lill-partijiet.

Rat li gew soddisfatti r-rekwiziti kollha skond il-ligi ghall-ghoti tad-divorzju bejn il-partijiet.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**